ntennu dak li diġà ngħad kemm-il darba, li kull min għamel xi studji li wassluh f'xi konklużjonijiet serji u ppublikahom jagħmel tajjeb jekk jinforma lill-KUMMISSJONI TAGĦRIF, fl-indirizz PALAZZ CARAFA, Triq il-Fran, Valletta, Malta.

Il-Kunsill qiegħed jagħmel u fi ħsiebu jkompli jagħmel li jista' biex naslu għat-tieni edizzjoni riveduta tat-Tagħrif; iżda jeħtieġ is-sabar, iż-żmien u l-għajnuna ta' kull min hu ta' rieda tajba!

---

## "IL-MADONNA TAĊ-ĊOQQA"

Wara stedina mill-President ta' l-Akkademja, Dr. Wallace Gulia, Ġużè Diacono kien wiegħed li jikteb f'**Il-Malti** dwar it-teleserial kontroversjali tiegħu, **Il-Madonna taċ-Ċoqqa.** Iżda deherlu li tant inkiteb u ntqal fuq dan it-teleserial, li, għallissa għallanqas, mhux ta' min jerġa' jibda fuqu.

Biss jilmenta miċ-ċensura indiretta li għadha sseħħ fostna bis-saħħa ta' ċerti ġurnali u istituzzjonijiet. ''B'intolleranza kbira u nuqqas ta' immaġinazzjoni, ma jridux jagħtu lill-kittieb Malti dik il-libertà artistika li lesti li jikkonċedu lill-kittieba barranin, għas-sempliċi raġuni li jikteb bil-Malti. Dawn l-ilħna fl-imgħoddi xekklu l-mixi tal-letteratura tagħna — imma dak iż-żmien issa għadda u mar,'' jikkommenta Ġużè Diacono.



# DUN KARM U SAN ĠILJAN

**minn ĠUŻE' CARDONA**

Miż-żmien li fih kiteb DUN KARM, għaddew għaxriet ta' snin, li fihom il-gosti u l-modi letterarji tbiddlu mhux ftit! Imma l-bidla ma tista' qatt tnessi u tfarrak it-tajjeb li tkun twettaq maż-żmien għax inkella ċ-ċiviltà tmur lura. Għalhekk iċ-ċiviltà tibqa' tfakkar lill-benefatturi tas-Soċjetà ta' kull età. Illum il-kittieba ta' żmienna tbiegħdu mill-forom letterarji ta' Dun Karm u mill-motivi reliġjużi, patrijottiċi u familjari tiegħu, imma jien żgur li l-Poplu Malti għandu jibqa' grat lejn dan il-ġgant tal-letteratura tagħna li ħoloq ilsien minġur u mirqum li ta lil Pajjiżna prestiġju kulturali hekk li fdieh quddiem il-barrani.

Dan hu l-mertu u l-glorja ta' DUN KARM u tgħid xi tgħid il-kritika jibqa' l-fatt li ħadd daqs Dun Karm Psaila ma ħaffef il-proċess letterarju u għen biex ilsienna jkun jista' jidħol fil-qrati u fl-iskejjel, fl-Università u fil-Parlament. Hu li ma ħalliehx mgħaj-jar u mċerċer, mitluq u mistkerrah u tah il-libsa li bdew ifasslulu ta' qablu u ta' żmienu, bħal Ġużè Muscat Azzopardi u Ninu Cremona. U kieku ma kienx hu li xegħel it-Torċa qawwija ta' l-Ilsien Malti, min kien jista' jgħidilna fiż-żgur li kien se jidhru hekk malajr u f'daqqa Aquilina u Briffa, Vassallo u Buttigieg, Pisani, Delia u Zammit u warajhom ix-xmara ta' dwal letterarji ta' żmienna?

Psaila kien l-idejal, l-imgħallem, il-mexxej tal-ġenerazzjoni ta' qabilna u ta' żmienna. Lilu studjaw biex jisiltu mill-kelma Maltija bennitha u min ma għamilx hekk aktarx li baqa' dgħajjef u qatt ma ssaħħaħ. Minnu tħeġġu fit-titjir letterarju u firxu s-sema Malti bil-versi u l-kitba tagħhom, biex warajhom ġew il-kittieba moderni ta' żmienna. Dun Karm beda wkoll minn isfel u sseqqer sa l-iġbiel tal-poeżija bil-**Quddiem Xbiha tal-Madonna** fl-1912; **Lid-Dielja** 1913; **Lill-Kanarin Tiegħi** u **Il-Vjatku** fl-1915; **Il-Monument** 1917. U jekk kien għad baqa' min ma fehemx l-importanza tal-poeżija Dun Karmjana, fl-1920 tana **Il-Musbieħ tal-Mużew,** li għax kien tabilħaqq tajjeb qanqal it-tinġiż tal-barranin. U baqa' sejjer il-Poeta tagħna bl-**Innu Malti fl-1922; Non Omnis Moriar** u **L-Għanja tar-Rebħa** fl-1927; **Roma Immortalis, Alla Mhux Hekk, Trid Taf,** u **Mater Purissima** fl-1929; is-sunetti **Bjuda** u **Univers leħor** fl-1930; **Lill-Knisja** u **Warda li Tgħid Ġrajjietha** (1931); **Rmied, Dell u Dija, Otia Aestiva I,** u **Għal Dun Mikiel Xerri** fl-1932. Din hi t-tigrija